**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Hererra LL D**

**Il-Pulizija**

**Spettur Joseph Cordina**

**V**

**JASON (JESMOND) CINI**

**Illum, 12 ta' Frar, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JASON (JESMOND) CINI** ta' tmienja u ghoxrin sena, bin Carmel u Ludgarda nee Ciantar, imwieled Pieta fit-tnejn u ghoxrin ta' Mejju, 1972 u joqghod

64, Triq Pawlu Magri, Luqa, detentur tal-karta tal-identita numru 236372M, gie mressaq quddiem akkuzat talli fit-tletin ta' Ottubru, 2000 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda;

1. minghajr licenzja moghtija mill-Awtorita kompetenti, ghamel kummerc ta' Istituzzjoni Finanzjarja f'Malta jew minn Malta minghajr licenzja mill-Awtorita kompetenti u cioe sellef flus bl-imghax lil diversi persuni.
2. Talli kiser jew naqas li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Att XXII tal-1994 jew xjentement kien parti fl-ghemil, jew pprokura jew ghen jew hajjar l-ghemil ta' xi reat taht l-istess Att XXII tal-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji.
3. Talli kiser il-provvedimenti dwar sentenzi sospizi artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li giet kkonfermata mill-Qorti tal-Appell

Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Gunju, 1999.

4. Talli sar recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sitta ta’ Frar, 2001 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat il-Fiat tal-Avukat Generali datat ghoxrin ta’ Dicembru, 2000 sabiex skond l-artikolu 23(2) tal-Att tal-1994 dawn il-proceduri setghu jigu istitwiti fil-konfront tal-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif registrata fl-atti fis-seduta tas-sitta ta’ Frar, 2001.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat irregistra ammissjoni dwar dawn l-akkuzi fil-presentata tieghu u minn ezami tad-dokument CSH 6, cioe l-istqarrija li rrilaxxja a tempo vergine tal-investigazzjoni b’mod voluntarju u minn jeddu, jirrizulta il-ko-perazzjoni tieghu mal-

Pulizija Ezekuttiva dwar l-investigazzjoni li kienet qed issir dwaru. Illi ma hemmx dubbju li dawn iz-zewg fatturi jghinu sabiex ikun hemm tnaqqis fil-mitigazzjoni tal-piena.

Illi jirrizulta wkoll mill-fedina penali tal-imputat, wkoll esibita fl-atti bhala dokument CSH 2, li l-imputat ghandu zewg reati registrati fuqha, wahda fit-tnejn ta' Mejju, 1990, meta kien instab hati ta' reat kontra l-Ordinanza tat-Traffiku fejn kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal perjodu ta' sena u t-tieni wiehed dak tal-erbgha ta' Gunju, 1999 meta kien instab hati ta' pussess t'arma u cioe reat kontra l-Ordinanza tal-Armi (Kap 66) fejn kien gie kkundannat gurnata prigunerija sospiza ghal sena. Illi ghalhekk per se, il-kondotta tieghu ma hiex wahda daqstant riflettarja, tant li l-Qorti m'ghandhiex taghti lil imputat cans iehor qabel ma tibghatu l-habs.

Mill-banda l-ohra pero il-Qorti thoss li dawn it-tipi ta' reati huma serji u jisthoqqilhom kull attenzjoni sabiex b'hekk malvivent li jghamel dawn t-tip ta' reati, ma jiehux l-impressjoni li ma jistghax jintbaghat il-habs.

Il-Qorti thoss li dawn r-reati huma serji pero mill-banda l-ohra thoss li hu opportun li ma taghtix l-impressjoni li l-iskop tal-ligi kriminali u ta' piena huwa *deterrent* biex jghallem lil dak li jkun li *"crime does not pay"* kif gie deciz fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Settembru, 1993*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Stephen Spiteri.**

Il-piena li ghandha tapplika din il-Qorti f'dan il-kaz hija piena restorattiva u mhux retributtiva, naturalment tenendo kont c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, partikolarment il-precedenti kiminali tal-imputat, l-ko-operazzjoni tieghu mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri.

Il-Qorti ghalhekk thoss li fic-cirkostanzi pjuttost specjali l-ahjar piena hija li testendi s-sentenza sospiza gia nflitta sabiex din jkollha effett ta' mannara imdendla fuq ras l-imputat u tibqa hekk imdendla jekk irid l-imputat stess. B'hekk il-Qorti thoss li qed taghti l-opportuinita lil imputat jikkonvingi ruhu li ghandu jsegwi t-triq t-tajba u fin-nuqqas ta' tali konvinzjoni ikun hu stess li jaghzel li jmur il-habs u jitlef il-moviment tal-liberta tieghu.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 22(1) u 23(2) tal-Att XXII tal-1994 u l-artikolu 28A, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tiddecidi, wara li tiddijara li qed ssib lil imputat JASON (JESMOND) CINI hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu billi tikkundannah multa ta' hames mitt lira maltin, liema multa bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tithallas b'rati mensili konsekuttivi ta' hamsin lira maltin mill-lum.**

**Illi peress li mill-atti processwali jirrizulta li l-imputat kkommetta dawn r-reati odjerni (li din il-Qorti diga ddikjaratu hati taghhom) waqt l-perjodu operattiv tas-sentenzi ta' prigunerija sospiza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju, 1999 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Jason (Jesmond) Cini, il-Qorti minhabba r-ragunijiet specjali fuq imsemmija dwar s-sentenza sospiza, qed tissostitwixxi ghal perjodu operattiv moghti b'dik s-sentenza b'perjodu iehor operattiv ta' tlett snin sospizi b'effett mill-lum.**

**Il-Qorti fissret bi kliem car lil imputat l-effetti kollha ta' din l-ordni.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Magistrat**